VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,147, 4 ta' Ottubru, 2013
Taqsima B

A.L. 314 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Podiatry) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

L-Applikabilità

1. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-qasam ta' studju tal-Podiatry fil-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) fil-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa li jibda f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Għażla tal-Applikanti

2. Meta l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu għall-qasam ta' studju tal-Podiatry jkun limitat mis-Senat skont id-dispożizzjonijiet tal-ordinament 10 tal-Ordinamenti tal-2010 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours), u l-għadd ta' applikanti eliġibbli għal dan il-qasam ta' studju jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-għażla tal-applikanti ssir skont il-kriterji mniżżla fl-ordinament 3 ta' dawn l-ordinamenti.

Il-Kriterji għall-Għażla

3. (1) (a) Il-gradi miksuba fis-suġġetti li ġejjin fil-livell indikat għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel:

(i) il-Bioloġija fil-Livell Avvanzat, li minn hawn 'il quddiem huwa msejjaħ bħala s-suġġett ewlieni; u

(ii) il-Kimika jew il-Fiżika fil-Livell Intermedju, li minn hawn 'il quddiem huma msejħa bħala s-suġġetti sekondarji.

(b) Il-grad miksub fis-suġġett sekonarju meħud fil-Livell Avvanzat, għandu, għall-għan tal-għażla, jingħata l-istess punti bħal l-istess grad miksub fis-suġġett sekondarju fil-Livell Intermedju;

(ċ) L-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali għad-dħul fil-kors skont kif imniżżla fl-ordinamenti tal-kors għandhom ikunu magħżula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skont dawn il-kategoriji li ġejjin, imniżżla f'ordni ta' preferenza:

L-ewwel kategorija:	dawk bi grad 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'A' fis-suġġett sekondarju
It-tieni kategorija:	dawk bi grad 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'B' fis-suġġett sekondarju
It-tielet kategorija:	dawk bi grad 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'Ċ' fis-suġġett sekondarju
Ir-raba kategorija:	dawk bi grad 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'D' fis-suġġett sekondarju
	dawk bi grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'A' fis-suġġett sekondarju
Il-ħames kategorija:	dawk bi grad 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'E' fis-suġġett sekondarju
	dawk bi grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'B' fis-suġġett sekondarju
Is-sitt kategorija:	dawk bi grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'Ċ' fis-suġġett sekondarju
Is-seba' kategorija:	dawk bi grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'D' fis-suġġett sekondarju
	dawk bi grad 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'A' fis-suġġett sekondarju
Il-tmien kategorija:	dawk bi grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'E' fis-suġġett sekondarju
	dawk bi grad 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'B' fis-suġġett sekondarju
Il-disa' kategorija:	dawk bi grad 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'Ċ' fis-suġġett sekondarju
L-għaxar kategorija:	dawk bi grad 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'D' fis-suġġett sekondarju
Il-ħdax-il kategorija:	dawk bi grad 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'E' fis-suġġett sekondarju

(2) L-applikanti li jkollhom ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jistgħu joffru ċ-ċertifikat li għaddew fis-suġġett ewlieni u/jew fis-suġġett sekondarju jew bħala parti mir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jew b'żieda mar-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul.

(3) Meta l-applikanti joffru aktar minn ċertifikat wieħed li għaddew fis-suġġett ewlieni u/jew fis-suġġett sekondarju, għandu jitqies l-aħjar grad.

(4) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali kollha għad-dħul fil-kors u li jkunu ssottomettew ċertifikat oriġinali tal-kondotta tal-pulużija riċenti (maħruġ mhux aktar minn 6 xhur qabel) lill-Fakultà sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors, għandhom jitqiesu l-ewwel.

(5) Jekk l-għadd tal-applikanti eliġibbli li jaqgħu fl-aħħar kategorija tal-applikanti eliġibbli biex jidħlu fil-kors skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 ikun tali li n-numru totali tal-applikanti biex jidħlu jaqbeż l-għadd ta' postijiet stabbilit mis-Senat, l-ewwel konsiderazzjoni għandha tingħata lil dawn:

(a) il-livell globali milħuq mill-applikanti fis-suġġetti kollha ppreżentati għall-għoti taċ-Ċertifikat tal-Matrikola. Dan għandu jkun determinat mis-somma tal-punti allokati għal kull suġġett, li għandhom ikunu assenjati kif ġej:

	Livell Avvanżat	**Livell Intermedju**
Grad A	30 punt	10 punti
Grad B	24 punt	8 punti
Grad Ċ	18–il punt	6 punti
Grad D	12-il punt	4 punti
Grad E	6 punti	2 punti

(b) jekk dan ma jkunx biżżejjed, l-applikanti eliġibbli li jkun baqa' għandhom ikunu intervistati minn Bord tal-Intervisti maħtur mill-Bord għal dan il-għan, sabiex jimtlew il-post jew il-postijiet li jifdal.

(6) Jekk in-numru massimu tal-istudenti ma jintlaħaqx wara s-sessjoni tal-eżamijiet ta' Settembru ta' qabel ma jibda l-Kors, l-applikanti li jkun baqa' li jkollhom il-grad D minflok il-grad Ċ fis-suġġett ewlieni, għandhom ikunu kkunsidrati wara li tintemm l-għażla tal-applikanti skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1)(ċ) u (4) tal-ordinament 3. Dawn l-applikanti għandhom ikunu magħżula mill-applikanti eliġibbli kollha skont dawn il-kategoriji li ġejjin, imniżżla f'ordni ta' preferenza:

It-tnax-il kategorija: dawk bi grad 'D' fis-suġġett ewlieni u grad 'A' fis-suġġett sekondarju

B 3774

It-tlettax-il kategorija:	dawk bi grad ‘D’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘B’ fis-suġġett sekondarju
L-erbatax-il kategorija:	dawk bi grad ‘D’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘Ċ’ fis-suġġett sekondarju
Il-ħmistax-il kategorija:	dawk bi grad ‘D’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘D’ fis-suġġett sekondarju
Is-sittax-il kategorija:	dawk bi grad ‘D’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘E’ fis-suġġett sekondarju